


# il-miġemgħa

Parroċċa Familja Mqaddsa - L-Iklin TELEFON: 21 423 003 EMAIL: parrocca.iklin@maltadiocese.org Nru 187 | Ottubru 2017


### ĦSIEB GĦAL KULL ITTRA TAL-ALFABET:

# J għall-kelma 'Jitlob'

Diversi drabi naqraw fl-Evanġelju li Ġesu' mar x'imkien waħdu biex jitlob. Talab f'mumenti iebsin f'ħajtu. Per Eżempju kif sar jaf li qaribu Ġwanni l-Battista ġie maqtul bla proċess mill-Istat, minn Erodi. Talab qabel għażel lit-Tnax. Talab qabel il-Passjoni.

Dan biex jgħallem lilna l-importanza tat-talb f'ħajjitna. It-Talb hu li nerfa ħsiebi u qalbi lejn Alla li jħobbni. It-talb huwa bżonn. Hemm urġenza kbira li nħallu l-azzjoni u nduru lejn il-qalb tagħna, nitolbu li tixxeblek mal-qalb ta' Kristu, li tkun tassew mimlija biH. L-azzjoni tagħna hekk tkun aħjar u isbaħ u ta' kwalita akbar skont kemm tassew inħobbu lil Alla. Hemm bżonn nerġgħu niftakru kuljum il-kliem sabiħ ta' Ġesu': 'Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn!'

Charles de Foucald qal: ' Jekk il-ħajja interjuri hi zero, jekk it-talb huwa ftit, għal min għandu żelu u ħafna volonta', għandu intenzjonijiet tajbin u jwettaq ħafna xogħol, il-frott ha jkun żero!'

Hemm bżonn nerġgħu niskopru dak li Santa Tereza tal-Bambin Ġesu' ssejjaħ: 'l-orjentament ta' qalbna, il-ħarsa tagħna immirata lejn is-sema, l-għajta tagħna mimlija ħajr u mħabba u sew fil-prova u sew fil-ferħ'. Il-Patri Abbati Michele Petruzzelli, Abbati Ordinarju ta' Cava de Tirreni jikteb hekk: 'It-talba li togħġob lil Alla hija dik ħierġa minn qalb umli. It-talba tal-umli dejjem tasal fil-qalb ta' Alla.

Jekk inti trid tħoss il-preżenza ta' Alla f'ħajtek, itlob. Jekk trid tgħix fil-paċi ma' Alla u mal-bnedmin, itlob. Jekk trid tegħleb kull problema u diffikulta li tiltaqa magħha fil-ħajja, itlob. Jekk trid tiġġieled u tegħleb 'il ħażin, itlob. It-talb jagħtikdin il-kapaċita' u din il-forza. Anzi, it-talb idawlek, isaħħek, jippurifikak, jikkonvertik, jittrasformak, u jressqek b'qalb kbira lejn Alla u lejn ħutek. It-talb huwa opportunita biex nuru mħabbitna lejn Alla. Huwa opportunita biex inħallu lilna nfusna nkunu maħbubin minn Alla.

Min jitlob ikollu l-ħajja u n-nifs biex jgħix. Min ma jitlobx hu fil-periklu li jiġi ssafokat, li jitlef il-ħeġġa għall-ħajja, id-dawl biex jara u n-nutrizzjoni biex jgħix.

Żewġ kwotazzjonijiet oħra dwar it-talb:
San Jose Maria Escriva' kiteb hekk:
Inti ktibtli: 'Titlob hu titkellem m'Alla. Imma dwar xiex?' 'Dwar xiex?' ngħid jien. DwarU, dwarek: il-ferħat, in-niket, is-suċċessi u l-fallimenti, ambizzjonijiet nobbli, l-inkwiet ta' kuljum, dgħufijiet! U atti ta' ringrazzjament u petizzjoni: u Mħabba u tpattijja (riparazzjoni). F'kelma waħda: li ssir tafU lil Alla u li ssir taf lilek innifsek: Missier u Iben'

San Eġidju t'Assisi wieħed mill-kumpanni ewlenin ta' San Franġisk: 'Itlob b'fedelta u devozzjoni, għax grazzja li l-Mulej ma qalgħalekx fil-passat, jaf jagħtihielek fill-futur. Int, umilment ixħet moħħok kollu f'Alla, u Alla jpoġġi l-grazzja tiegħu fik, kif u meta jixtieq hu'.

Itlob, ibqa itlob, itlob bla ma taqta, u Alla li hu Mħabba jserrħek u jaħjik.

Is-sliem.
Fr Keith Bonnici **KAPPILLAN**

# LAQGĦAT TAŻ-ŻAK

| | | |
|---|---|---|
| Grupp 17+ | L-Erbgħa fis-7:30 pm | Sala ta' isfel |
| Grupp li twieldu fl-2002 | It-Tlieta fil-5:30 pm | Katekiżmu 1 |
| Grupp li twieldu fl-2003 | It-Tnejn fis-6:00 pm | Sala ta' isfel |
| Grupp li twieldu fl-2004 | It-Tnejn fil-5:45 pm | Katekiżmu 1 |
| Grupp li twieldu fl-2005 | L-Erbgħa fis-6:00 pm | Sala ta' isfel |



**Il-Ħadd 29 t'Ottubru 2017**

## IRTIR GĦALL-OPERATURI PASTORALI

0900 – 1500 Irtir għall-Operaturi Pastorali kollha għand is-Sorijiet ta' St Joseph ir-Rabat. Imexxi Patri Martin Micallef ofm capp. Jista jkun hemm Ħidma Pastorali mingħajr Ġesù?

**Is-Sibt 28 t'Ottubru 2017**

# Il-Madonna tar-Rużarju



6.00 pm Quddiesa tal-Madonna tar-Rużarju
Wara ssir Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju bil-parteċipazzjoni tat-tfal. Ir-Rużarju jsir b'mod li il-posti kollha jkunu forma ta' tablo mit-tfal.

# **KALENDARJU** TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL

It-Tnejn 2 t'Ottubru 2017 - 16:30 Jibda l-Katekiżmu għat-tfal.

Il-Ħadd 15 t'Ottubru – 09:45 – 12:00 Seminar għat-tfal u l-ġenituri tal-Ewwel Sena tal-Katekiżmu – dawk li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena.

Talk – Diskussjoni – Attivitajiet għat-tfal – Quddiesa.
Is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 t'Ottubru 2017 – Jum il-Missjoni

Il-Ħadd 22 t'Ottubru 2017 fil-11:15 am – Waqt il-Quddiesa tal-11:15 am jingħata l-Mandat lill-Katekisti u lit-tfal u l-Leaders tal-Kummissjoni Tfal

It-Tnejn 30 t'Ottubru 2017 – 16:30 - 17:15 Lectio Divina mill-Kummissjoni Tfal għat-tfal.

Il-Ħamis 2 ta' Novembru 2017 – Ma jkunx hawn Katekiżmu għat-tfal. Ħarġa għat-tfal.

Il-Ħadd 5 ta' Novembru 2017
09:45 – 12:00 Seminar għat-tfal u l-ġenituri tas-Sitt Sena tal-Katekiżmu – dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof din is-sena.

Talk – Diskussjoni – Attivitajiet għat-tfal – Quddiesa.

fil-11:15 am - Quddiesa bil-parteċipazzjoni tat-tfal kollha tas-Sitt Sena. Torganizza l-Kummissjoni Tfal, bl-impenn tal-ġenituri taż-żgħażagħ li ser jirċievu il-Griżma tal-Isqof.

It-Tnejn 6 ta' Novembru 2017 fl- 16:30 -Jerġa' jibda l-Katekiżmu għat-tfal.





# **Tberik** tal-Basktijiet

Il-Ħadd 1 ta' Ottubru 2017
11.15 am Quddiesa għat-Tfal
bit-tberik tal-basktijiet tal-iskola.

It-Tnejn 2 t'Ottubru 2017
4.30 pm Jibda' l-Katekiżmu għat-tfal.

# PROGRAMM GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 | Is-26 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 08.30, 10.15 u 11.00 am u fis-6.00pm |
| Il-Ħadd 8 | Is-27 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 08.30, 10.15 u 11.00 am u fis-6.00pm |
| Il-Ħadd 15 | It-28 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 08.30, 10.15 u 11.00 am u fis-6.00pm |
| L-Erbgħa 18 | Festa ta' San Luqa, evanġelista<br>Quddies: 06.45, 8.30 am u fis-6.15 pm |
| Il-Ħadd 22 | Id-29 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – ĠURNATA MISSJUNARJA<br>Quddies: 08.30, 10.15 u 11.00 am u fis-6.00pm |
| Is-Sibt 28 | Festa ta' San Xmun u San Ġuda, appostli<br>Quddies: 6.45, 8.30 am, fis-6.00 pm u fit-7.45 pm |
| Il-Ħadd 29 | It-30 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 08.30, 10.15 u 11.00 am u fis-6.00pm |

Parroċċa Familja Mqaddsa, Pjazza Ninu Cremona, l-Iklin, IKL1302 TELEFON: 21 423 003 EMAIL: parrocca.iklin@maltadiocese.org www.parroccaiklin.com

### Ħinijiet tal-Quddies

**MIT-TNEJN SAL-ĠIMGĦA**
6.45am; 8.30am; 6.15pm

**NHAR TA' SIBT**
6.45am; 8.30am; 6.00pm; 7.45pm

**NHAR TA' ĦADD**
8.30am; 10.00am; 11.15am; 6.00pm

Qrar qabel kull quddiesa.
Rużarju kuljum għoxrin minuta qabel il-quddiesa ta' filgħaxija.

### Appuntamenti oħra

**SALMI TA' TIFĦIR TA' SBIEĦ IL-JUM**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.15am

**ĦIN TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL**
It-Tnejn u l-Ħamis bejn l-4:30 u l-5:15pm fil-ġranet tal-iskejjel tal-Istat.

**ADORAZZJONI TAS-SAGRAMENT**
Il-Knisja tkun miftuħa għall-Adorazzjoni tas-Sagrament Imqaddes kuljum mid-9:00am sal-11:00am u mill-4:00pm sas-7:30pm.

**ADORAZZJONI EWKARISTIKA**
Il-Ġimgħa wara l-Quddies ta' filgħaxija.

**TQARBIN TAL-MORDA**
It-Tlieta u l-Ġimgħa wara l-quddiesa tat-8:30am.

**ŻJAJJAR FL-ISPTAR**
Jekk xi ħadd ikun l-isptar ikkuntattjawna fuq 7997 2444 biex immorru nżuruh.

**VIA SAGRA**
kull nhar ta' Ġimgħa wara l-quddiesa tat-8:30am.

### Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali

| | |
|---|---|
| **IT-TNEJN** | 5:00pm - 7:00pm |
| **L-ERBGĦA** | 6:00pm - 8:00pm |
| **IL-ĦAMIS** | 9:00am - 11:00am |
| **IS-SIBT** | 9:00am - 11:00am |
| **IS-SIBT** | 7:10 am - 10.30 am (Kappillan) |

### Kuntatti

**DUN KEITH BONNICI** 79972444
**DUN PAWL CAMILLERI** 21223896
**MONSINJUR ANTON VELLA** 79289656

Parroċċa
**Familja Mqaddsa**
L-IKLIN